**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**

**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 4.11.07: IL-31 ĦADD MATUL IS-SENA.**
**IL-ĠIMGĦA, 9.11.07: FESTA TAD-DEDIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA TAL-LATERAN.**
**IL-ĦADD, 11.11.07:** IT-TNEJN U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.

**FESTA TA' SAN ADEODATO MARTRI.**

Illum fil-parroċċa tagħna nagħmlu l-Festa ta' San Adeodato Martri.
Fil-**4.00p.m.** quddiesa bil-prietka u wara jkun hemm il-purċissjoni bil-korp qaddis ta' San Adeodato.
Nagħmel appell lil kulħadd biex jieħu sehem f'din il-purċissjoni.
Il-ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawri.

## LAQGĦA GĦALL-ADOLEXXENTI BNIET

Nhar it-Tlieta 6 ta' Novembru l-laqgħa ta' l-Adolexxenti se tkun Prayer Meeting u se ssir fil-knisja. Din se tkun għal tal-Forms 2, 3, 4, u 5 flimkien
Għal din il-laqgħa ta' talb huma mistiedna wkoll l-ġenituri ta' dawn l-adolexxenti.
Din il-laqgħa kellha tkun l-ġimgħa l-oħra pero' tħassret minħabba ċirkustanzi oħra.

## KORS DWAR IL-BIBBJA

Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Novembru jkompli l-Kors dwar il-Bibbja. Dan ikun fl-istess post u l-ĦIN ikun fil-**5.00p.m.**

**Sena ddedikata lill-BIBBJA.** Għandek Bibbja? Tużaha fil-familja ?

## TMEXXIJA FIĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

Mill-1 ta' Novembru 2007, **Fr. John Muscat** se jkun responsabbli għat-tmexxija taċ-Ċentru Parrokkjali. Barra mill-impenn ġdid li ħa bħala Kappillan ta' l-Isptar Ġenerali, fil-parroċċa se jkollu f'idejħ is-sezzjoni taż-Żgħażagħ u r-responsabilta' taċ-Ċentru Parrokkjali.
Huwa ġie maħtur ukoll bħala President ta' l-Għaqda Drammatika Sannat, li din ukoll tagħmel parti miċ-Ċentru Parrokkjali.
Nixtieq nirringrazzja lil **Mons Anton Saliba** li kellu f'idejh l-Għaqda Drammatika u li għal diversi snin kien responsabbli taċ-Ċentru Parrokkjali u s-sezzjoni taż-Żgħażagħ fil-parroċċa tagħna.

## DRAMM FIS-SEMINARJU

Se jittella' Dramm socjali fis-Seminarju bl-isem "RAGG TA' DAWL" li huwa nteressanti hafna u huwa tajjeb ghall-familja kollha.
Il-granet se jkunu l-Ħadd 25 ta' Novembru u s-Sibt l-1 u l-Ħadd it-2 ta' Diċembru. Biljetti mis-Seminarju jew inkella mill-Uffiċċju Parrokkjali.

## KORSIJIET

Iċ-Ċentru ta' l-Universita' f'Għawdex qed joffri korsijiet għal min jixtieq jitgħallem jikteb u jaqra jew jgħodd. Dawn il-korsijiet se jibdew fis-16 ta' Novembru 2007 u jkomplu sa l-aħħar ta' Frar. Se jkun hemm ukoll korsijiet fil-biedja b'ħinijiet adattati għall-bdiewa. Kull min hu interessat għandu japplika sat-12 ta' Novembru billi jċempel fiċ-Ċentru ta' l-Universita Tel: 21564559

## SUPPORT GROUP

Ser ikun hemm laqgħa tas-*Support Group* għall-ġenituri ta' tfal li jbatu minn A.D.D./A.D.H.D. (*Attenion Deficit Disorder/Attention Deficit Hyperactivity Disorde*r). Din ser tkun nhar l-Erbgħa, 7 ta' Novembru, fil-5.30p.m. fl-iskola Sir M.A. Refalo, Victoria. Min għandu bżonn child-minding għat-tfal icempel fuq in-numru 21556606, sa mhux iktar tard mit-Tnejn 5 ta' Novembru.